Minuti tal-laqgħa numru dsatax (19) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa, 8 ta' Lulju 2020 fis-6.00pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fi 30, Triq Inguanez, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Christopher Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Karl Muscat | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

**19.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji u t-talba**

**Ittri ta' Aploġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**19.02 Minuti tas-seduta preċedenti**

**Minuti**

**Korrezzjoni tal-Minuti**

Kien hemm korrezzjoni billi jiddaħħlu l-ismijiet tat-toroq taħt imsemmija fil-minuti tas-seduta preċedenti fejn saret referenza għall-iskedar ta' toroq. Dawn huma Triq Cosmana Navarra u l-Isqaq, Triq San Franġisk u l-Isqaq, Triq Sant Antnin, Triq l-Isptar, Triq il-Kbira, Triq ta' Saura, Triq Ġorġ Borg Olivier minn Triq ta' Saura sa Triq San Publiju. Il-minuti kienu mgħoddija għall-vot wara li pproponihom is-Sindku u ssekondat is-Sra Doris Coleiro. Il-vot kien wieħed unanimu.

**Punti mill-Minuti**

**Offerta Konġunta**

Matthew Chetcuti qal illi s-Sindki fir-Reġjun Nofsinhar tkellmu dwar l-**offerta pubblika konġunta tal-ġbir tal-iskart**. Dan fid-dawl illi wieħed mill-iskemi qabad u qata' l-ġbir tal-iskart riċiklat f'xi kunsilli fir-Reġjun Tramuntana.

**Refurbishment fil-latrina pubblika ta' Triq il-Kulleġġ**

Dwar ix-xogħlijiet tar-*refurbishment* tal-**latrina pubblika** fi Triq il-Kulleġġ, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri illi din issa waslet fil-fażi illi jeħel is-*sanitary ware.*

**Niċċa tal-Karmnu**

L-offerta pubblika tar-restawr tan-**niċċa tal-Karmnu** fi Triq il-Kbira issa għalqet u l-evalwaturi se jiltaqgħu biex ikunu jistgħu jirrakkomandaw lill-KLR il-kuntrattur li għandu l-aħjar prezzijiet, esperjenza u kapaċita' biex iwettaq fuqha dawn ix-xogħlijiet.

**19.03** **Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-*Works Order* 28 u Ċedola tal-pagamenti numru 309**

**Works Orders u Ċedola tal-Pagamenti**

Kienu approvati b'vot unanimu il-*Works Order* 28 u ċ-Ċedola tal-pagamenti 309 skont kif muri fuq il-kopja oriġinali ffirmata.

**19.04** **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**Pavimentar fuq iz-zuntier**

Is-Sur Ian Vassallo staqsa għaliex waqfu x-**xogħlijiet ta' pavimentar fuq iz-zuntier tal-Parroċċa tar-Rabat** għal madwar ġimgħatejn. Il-KLR se jindaga dwar dan minkejja li jaf li kien hemm *issue* bil-ħitan tal-ġnub taz-zuntier għax hemm iċ-ċans li tintilef l-arkitettura tagħhom u intalab għaldaqstant *a researched method statement*. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li saritlu talba biex isir **restawr fuq il-kampnar tal-Kappella tal-Kunċizzjoni f'Wied Gerżuma,** li hija propjeta' tal-Gvern. Hu qal illi dan kollu qed ikun diskuss mal-Ministru tal-Arti u l-Kultura u l-Kunsill Lokali, l-Onor Jose' Herrera LLD., MP. Talba oħra li saret lis-Sindku, is-Sur Sandro Craus kienet dwar **restawr tal-orgni artisitku tal-Agostinjani** li kien deskritt bħala wieħed mill-eqdem fl-Ewropa. Dwar għajnuna lill-għaqdiet, kien deċiż illi niktbu lid-Dipartiment Gvern Lokali biex jikkonċedi din it-talba.

**Restawr**

**19.05** **Kunsiderazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni tal-*Office Administrator***

**Office Administrator**

Ma kienx ikkunsidrat

**19.06** **Kunsiderazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Offerta Pubblika ta' Ġnien Bir Iljun**

**Rapport ta' Evalwazzjoni**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi r-rapport għadu ma wasallux iżda l-indikazzjonijiet huma illi se jkun awarded lil Mica Med. Il-Kunsill ma kellux oġġezzjoni għal dan u taħ struzzjonijiet biex imexxi.

**19.07** **Kunsiderazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni tas-*Soft Areas* (Ġonna u ċanet bil-ħamrija)**

**Rapport ta' Evalwazzjoni**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi r-rapport minkejja li għadu ma wasallux se jeħduha is-Sur Charlie Gauci (3 minn 4 lots) u s-Sur Carmel Mifsud. Il-Kunsill ta struzzjonijiet lis-Segretarju Ezekuttiv biex jiggwadanja l-ħin filwaqt li qed japprova ir-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' Evalwaturi.

**19.08** **Talba biex il-Kunsill jipprovdi t-tindif tal-librerija pubblika fuq bażi regolari.**

**Tindif tal-librerija pubblika**

It-talba għat-**tindif tal-librerija pubblika tar-Rabat fuq bażi regulari** kienet miċħuda għaliex din il-librerija mhix devoluta lill-Kunsill bħalma huma libreriji oħra; għaliex hija klassifikata bħala Librerija Reġjonali u mhux *Area Library*.

**19.09 Il-proġett *Slow Streets* u t-Talba minn sidien tal-ħwienet biex Triq San Pawl tiġi pedonali fi tmiem il-ġimgħa (datata 27.05.20)**

**Proġett Slow Streets**

Saret referenza għall-proposta tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u wkoll tar-Reġjun Tramuntana dwar is-suġġett imsejjaħ ***Slow Streets***. Issemmiet il-laqgħa li kienet għamlet l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għas-Sindki u intqal illi fil-laqgħa tar-Reġjun ma ngħatatx informazzjoni sħiħa. Intqal illi r-Reġjuni huma obbligati li jagħmlu ***Social Impact Report*** u hemm ivvutati €3,000 għal kull raħal biex isir dan l-istudju; hemm reġjuni li diġa' bdew. Kien diskuss l-argument jekk għandniex nieħdu l-proposta tar-Reġjun peress li l-AKL għandha proposti differenti u s-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi din għandha l-persuna tagħha li hu kwalifikat *f'Town Planning*. Hu żied jgħid illi r-Reġjun ma jistax jagħmel *direct order* mal-Universita' ta' Malta ta' madwar €35,000 biex isir dan is-*Social Impact Report*.

It-talba tas-sidien tal-ħwienet ma kienetx ittrattata.

**19.10 Ħruġ ta' Offerta Pubblika dwar il-pubblikazzjoni tar-rivista tal-Kunsill u foto/video grafija**

**Rivista tal-Kunsill**

Din il-materja qed jaħdmu fuqha is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv u peress li qed titħejja l-pubblikazzjoni is-Sra Roberta Galea qed tikkoreġġi l-Malti.

**19.11 Ħruġ ta' Offerta Pubblika biex jinxtara Van u vettura second hand**

**Van tal-Kunsill**

Kienet ikkunsidrata l-**offerta pubblika għal xiri tal-van** flok dak l-isfar għall-użu tal-KLR. Is-Sur Nazju Cassar talab li l-KLR jara l-vannijiet ta' Ventur Ltd filwaqt li ntqal illi l-van l-isfar jista' jkun użat minn Brian Caruana peress li qed nikru dak tiegħu.

**19.12 Kuntratt ta' kiri ta' vann mis-Sur Brian Caruana (Community Works Employment Scheme)**

**Brian Caruana u kuntratt tal-van tiegħu**

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri illi qabad jaħdem mal-KLR is-**Sur Brian Caruana** permezz tal-iskema ***Community Works Employment Scheme.*** Infatti hu qed wettaq xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq il-ġnien u l-bandli tal-Baħrija. Is-Sur Sandro Craus ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ftehim li sar biex il-KLR ikun jista' jinqeda' bil-**vann** tiegħu stess għaliex mhux possibbli li jinxtara l-materjal bħal *cement*, mingħajr vettura. Il-KLR qabel illi l-ftehim ta' €15 kull jum għal kera ta' vann hu wieħed raġjonevoli (mingħajr il-fuel). Il-kunsillieri kellhom kopja ta' dan il-ftehim.

**Marco**

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri illi permezz ta' din l-istess skema issa għandna magħna persuna oħra, is-**Sur Marco** **.** Hu kellu kliem ta' tifħir u s-SE qal illi issa integra fir-*reception* jassiti lill-uffiċjali tal-*customer care*. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi qed naħdmu biex ikollna wkoll **skrivana addizzjonali** ħalli waħda mill-*Customer Care Office* tidħol *back office* tassistihom.

## 19.13 Il-proġett mill-MTIP ta' Għeriexem u Triq Tabija (bħalissa is-smiegħ fl-Awtorita' tal-Ippjanar)

**Proġett ta' Għeriexem**

Is-Sindku semma' l-proġett tat-twessiegħ tal-**Belveder ta' Għeriexem u Triq Tabija** li issa qiegħed fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar u propju għada hemm is-smiegħ tiegħu. Hu qal illi bħala KLR naqblu illi dan hu essenzjali għar-Rabat fid-dawl illi hemm ċaqlieq kbir fit-triq li ma kull ftit xita jkun jinħtiġilha l-manutenzjoni u dan iċ-ċaqlieq fil-bini jestendi ruħu għall-abitat fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Minkejja dan kollu hemm l-element illi dan il-proġett qed ikun propost f'sit li hu sensittiv minħabba arkeoloġija kif ukoll zona ta' sbuħija kbira fuq ir-riħ ta' wied.

## 19.14 Applikazzjoni tal-EUCF biex isir studju dwar Energy Saving (propost street lighting, built environment u water catchment)

**EUCF Energy Saving**

Dan il-proġett kien diskuss mis-Sur Kris Grech u għadu fil-fażi ewlenija tiegħu. Hu qal illi jeżistu fondi biex isir studji dwar per eżempju *street lighting* fejn m'hemmx il-wires tad-dawl, biex isiru solari.

## 19.15 Jum ir-Rabat 2020

**Jum ir-Rabat 2020**

Matul il-laqgħa inħatar **kumitat** biex jaħdem fuq **Jum ir-Rabat 2020**. Dan il-kumitat se jkun iffurmat mis-Sur Sandro Craus, is-Sindku, is-Sur Mathew Chetcuti, Viċi Sindku, is-Sur Rudolph Grima, kunsillier, is-Sra Doris Coleiro, kunsillier u s-Sur Ian Vassallo, kunsillier. Is-Sra Doris Coleiro semmiet il-fatt illi l-bnadar tal-Kunsill li jinsabu fuq is-Saqqajja għandhom jiġu mtella' għall-okkażjoni ta' Jum ir-Rabat 2020.

## 19.16 Punti Oħra

**Punti ohra**

**Appell tas-Sur Wilson Mifsud**

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab lis-SE sabiex jitkellem fuq **l-appell li kellna fl-offerta pubblika tal-ġbir tal-iskart minn wara l-bibien tad-djar.** Is-SE qal illi Wilson Mifsud ressaq appell quddiem il-*Public Committee Review Board* għaliex ħass li kienet inġusta li l-Kunsill Lokal tar-Rabat ikkanċella t-*tender*. Hu qal illi kellu l-*Programm of Works* adekwat kif fil-fatt il-PCRB ikkonferma u li l-vettura tiegħu li taħdem bil-gass, u għaldaqstant tinkwadra fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta. L-appell intrebaħ mill-KLR għaliex din il-vettura tal-ġbir tal-iskart żgħira li taħdem bil-gass mhix Euro VI iżda hija Euro V. Il-KLR kellu kliem ta' tifħir għaċ-Ċerpersin tal-kumitat tal-evalwazzjoni tal-offerta u wkoll l-avukat li ddefendiena li hu wkoll membru tal-istess kumitat. Biex toħroġ offerta oħra mill-ġdid il-KLR irid jirrevedi l-ispeċifikazzjonijiet.

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab lis-SE sabiex jaġġorna lill-kunsillieri dwar l-**offerti pubbliċi.** Is-SE qal illi il-ġimgħa d-dieħla se tagħlaq l-offerta tal-*Customer Care* filwaqt li qed nistennew l-approvazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta tar-*Refurbishment* tal-Uffiċċju Amministrattiv fi Triq l-Isptar u tar-*Road Resurfacing* u l-*Paving.* Sadanittant qiegħdin fil-fażi ta' evalwazzjoni dik tal-latrina pubblika ta' Triq Santa Rita, tar-restawr tan-niċċa tal-Karmnu u kienu kkunsidrati llum stess ir-rapporti tar-*refurbishment* ta' Ġnien Bir Iljun u tas-*Soft Areas*.

**Offerti Pubbliċi**

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi issa tnaddaf **iċ-ċimiterju ta' Santa Margerita** u ta' dan il-KLR jirringrazzja lis-Sur Clive Tonna li ħa azzjoni. Kien suġġerit illi ssir talba għal ċimiterju addizzjonali lill-Gvern Ċentrali minħabba li dak fir-Rabat hu żgħir wisq u mhux jakkomoda lir-Rabtin minħabba l-popolazzjoni dejjem tikber. Jidher li fil-passat kien hemm komunikazzjoni dwar dan mal-awtoritajiet.

**Ċimiterju ta' Santa Margerita**

Dwar ix-xogħlijiet fuq ir-**restawr tal-Muniċipju** xi kunsillieri qalu illi t-*tender* ħa ħafna ħin filwaqt li l-KLR qed iħallas kirja addizzjonali talli qed juża dawn l-appartamenti mikrija. Is-SE se jiċċara dan ma' l-istakeholders kollha biex il-KLR ma jibqax iħallas għal xejn.

**Restawr tal-Muniċipju**

Il-KLR se jiltaqa' mal-kuntrattur **Mica Med** qabel jibdew ix-xogħlijiet ta' twaħħil ta' **lanterni fil-Pjazza tal-Parroċċa** wara li kien ħa l-proġett b'offerta pubblika. Dwar l-offerta pubblika li għad trid toħroġ biex jinxtgħelu l-**koppli tal-knejjes** fir-Rabat, is-Sindku qal illi twettaq s'issa l-proġett tal-Knisja tal-Baħrija. Madankollu se jkun impossibbli illi nixgħelu l-Parroċċa qabel iċ-ċelebrazzjonijiet marbuta mat-titlu ta' Bażilika f'Settembru 2020. Se toħroġ l-offerta biex jinxtgħelu il-kappella ta' San Katald u dik ta' Qasgħa. Is-Sur Matthew Checuti issuġġerixxa li tinħoloq **poll fuq facebook** biex kulħadd ikun jista' jipproponi liema knisja għandha tinxtgħel l-ewwel filwaqt li l-KLR se jistenna' l-veduti tal-Arċipriet dwar ir-restawr tal-Knisja ta' San Pawl. Dwar **Pjazza San Katald** intqal ukoll li qed ikun hemm ħafna **storbju bil-lejl** minn bars idoqqu mużika b'volum għoli ħafna. Osservanza oħra saret għad-dwal fil-Milied fejn intqal illi l-**festun** li kien hemm **fis-siġar tas-Saqqajja** kienu sabiħ ferm fil-Milied 2018 u għandu jerġa' jsir. Kien hemm il-proposta illi jintalab **sponsor mill-istabbilimenti kummerċjali** sabiex id-dwal tal-Milied ikun wieħed sostenibbli għax huma l-aktar li se jgawdu minnu.

**Twaħħil ta' lanterni tad-dwal**

Ilment ieħor mil-kunsillieri kien dwar dak li ġara din il-ġimgħa fejn biex jagħtu il-qatran fuq trinka **ingħalqet is-Saqqajja** minn kullimkien. Hawn intqal illi bi Triq Saura magħluqa wkoll minħabba ħsarat fit-triq, kien hawn ir-Rabat staġnat f'dak li hu traffiku.

**Għeluq tas-Saqqajja**

**Ġbir ta' skart**

Is-Sur Ian Vassallo irrefera għal każijiet fejn il-vettura tal-**ġbir tal-iskart** qed

tagħsar dak organiku f'Misraħ Forok. Il-fatt li nbidel ix-xufier mhux qed jgħin fil-**ġbir tal-ħġieġ** minn wara l-bibien tad-djar għaliex is-Sur Vassallo qal illi kellna diżastru bil-ħġieġ li tħalla. Kien hemm suġġeriment illi jintbgħat il-*Contract Manager* warajh ħalli jissorvelja dan kollu.

**Triq Għajn Qajjet – maniġġjar tat-traffiku**

Is-Sra Doris Coleiro lmentat dwar ir-rispons negattiv li ħa l-KLR fuq **Triq Għajn Qajjet,** fis-sit magħruf bħala quddiem l-*isprayer*. Minħabba **immaniġġjar tat-traffiku** hemm xufiera li qed igergru illi qed itawwlu biċċa żejda biex imorru għand tal-merċa. TM qalulna illi jekk ikollhom jikkonċedu dan, se jippreġudikaw ħajjet ix-xufiera stess.

**Proposta ta' Sleeping policeman**

Is-Sur Rudolph Grima tkellem fuq proposta ta' **sleeping policeman oħra fi Triq il-Kbira** quddiem il-ħanut tan-nuċċalijiet. Hu qal illi hemm min qed jitkessaħ u jsuq bis *speed* elevat anke fi triq dejqa bħal din. Saħaq ukoll biex issir mill-ġdid il-**bankina tal-istess triq** quddiem il-ħajjat kantuniera ma' Triq Brittanja għaliex hija mkissra kollha u qed jaqgħu fuqha in-nies. Is-Sur Nazju Cassar semma' wkoll **bankina fi Triq Kola Xara** li wkoll tinħtieġ manutenzjoni.

**Żbir ta' Siġar**

Għall-istimi li nġiebu biex isir iż-**żbir tas-siġar taħt is-Saqqajja**, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi dawn se jsiru minn dik il-persuna li tatna l-istima li nħarġet fuq ismu bħala ġardinar liċenzjat.

**Belveder tal-Virtu'**

Saret referenza għat-**tindif tal-belveder tal-Virtu'**. Hawn intqal illi dan tnaddaf mil-ħaddiema tagħna wara li kien tnaddaf mil-ħaddiema tad-Dipartiment tat-Tindif.

**Bin tat-240 lt**

Is-Sur Nazju Cassar ressaq talba biex jingħata **bin mil-kollettur tal-iskart** lil familja li għix f'ta' Baldu peress li s-servizz tal-ġbir tal-iskart f'dan is-sit hu wieħed ineżistenti, bħalma ġara dan l-aħħar f'Għar Żerriegħa.

**Tmiem il-laqgħa**

**19.17 Tmiem il-laqgħa u data u l-ħin tas-seduta li jmiss.**
Il-laqgħa ntemmet il-laqgħa fid-9.00pm fejn il-kunsillieri ftehmu li jiltaqgħu tliet ġimgħat oħra fl-istess ħin.

| **(IFFIRMATA)** | | **(IFFIRMATA)** |
|---|---|---|
| Magħmula minn Anthony Bonello<br>Segretarju Eżekuttiv | u approvati llum 8.7.2020 minn | Sandro Craus<br>Sindku |